MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2009

Numru 721/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**vs**

**Denis Vella**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Denis Vella ta’ 34 sena, iben Carmel u Grace nee’ Mallia, imwieled San Giljan fis-6 t’ Awwissu, 1974 u residenti f’ 53, ‘Denmir’, Triq il-Madaffa, Haz-Zabbar u detentur tal-karta ta’ l-identita 390074(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’ Haz-Zabbar u fix-Xghajra, limiti ta’ Haz-Zabbar, matul dawn l-ahhar sentejn, b’diversi atti maghmulin minnu, fi zminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe billi:

1. Ghamel diversi hsarat fuq il-faccata tal-fond ‘Joetess’, numru 40, Triq il-Vulkan, Haz-Zabbar, kif ukoll

2. Ghamel hsara mal-faccata numru 121, Dawret ix-Xatt, ix-Xghajra, u wkoll

3. Ghamel diversi hsarat fuq il-vettura tal-ghamla Skoda bin-numru tar-registrazzjoni EAP-249, liema hsarat saru kollha ghad-dannu tas-sidien ta’ l-imsemmija vettura u djar u cioe’ ta’ Joseph u Therese Vella minn Haz-Zabbar u liema ammont ta’ hsarat huwa izjed minn E2, 725 [elfejn, seba’ mija u hamsa u ghoxrin Ewro] ekwivalenti ghal Lm1000 [elf lira Maltin].

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 8 ta’ Awwissu, 2008 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar is-16 ta’ Jannar, 2009 ai termini ta’ l-Artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-18 ta’ Dicembru, 2009 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri u kkopera bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------